

Paġna Ewlenija > ... > Kwistjonijiet Tal-familja U Wirt > Informazzjoni Dwar It-tneħħija Legali Tal-minuri > Spain

Informazzjoni dwar it-tneħħija legali tal-minuri



Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network
(in civil and commercial matters)

1 Taħt liema ċirkostanzi jista' ġenitur jittrasferixxi legalment lill-minuri lejn Stat ieħor mingħajr il-kunsens tal-ġenitur l-ieħor?

Meta huma jkunu l-uniku detenturi tar-responsabbiltà tal-ġenituri jew l-eżerċizzju esklużiv ta' tali responsabbiltà jiġi kkonferit lil wieħed mill-ġenituri permezz ta' deċiżjoni tal-qorti, ir-responsabbiltà tal-ġenituri tkun id-drittijiet u l-obbligi tal-ġenituri fir-rigward tat-tfal mhux emanċipati tagħhom. Fil-każ ta' tifrik tar-relazzjoni, dan huwa interament indipendenti minn drittijiet ta' kustodja u aċċess.

2 Taħt liema ċirkostanzi hu meħtieġ il-kunsens tal-ġenitur l-ieħor għat-trasferiment tal-minuri lejn stat ieħor?

Jekk il-ġenituri jkollhom responsabbiltà kondiviża tal-ġenituri, irrISPETTIVAMENT minn liema ġenitur għandu d-drittijiet ta' aċċess u min liema ġenitur għandu d-drittijiet ta' kustodja.

3 Jekk il-ġenitur l-ieħor ma jagħtix kunsens għat-trasferiment tal-minuri lejn Stat ieħor, minkejja li jkun meħtieġ, il-minuri kif jistgħu jiġu ttrasferiti b'mod legali lejn Stat ieħor?

Jekk il-kunsens tal-ġenitur l-ieħor huwa meħtieġ iżda mhemmx qbil u dak il-ġenitur jirrifjuta li jagħti l-kunsens tiegħu, it-tneħħija trid tiġi awtorizzata mill-awtorità ġudizzjarja.

4 L-istess regoli japplikaw għat-trasferiment temporanju (eż. vagonza, il-kura tas-saħħa eċċ.) u t-trasferiment permanenti? Jekk applikabbli, jekk jogħġbok ipprovidi l-formoli ta' kunsens rilevanti.

Ir-regoli għat-tneħħijiet temporanji mhumiex l-istess bħal dawk għat-trasferimenti permanenti. F'dak li għandu x'jaqsam mat-teħid tal-wild għal kura tas-saħħa normali, għal btala jew simili, jiddeċiedi l-ġenitur li jkun mal-wild f'dak iż-żmien, kemm jekk ikollu d-dritt ta' kustodja jew id-dritt ta' aċċess, filwaqt li xorta jirrispetta l-ħin ta' kuntatt jew taż-żjarat li t-tfal irid ikollhom ma' kull ġenitur. Id-deċiżjonijiet importanti biss dwar ħajjet it-tfal, bħal pereżempju, tneħħija permanenti, għandhom ikunu awtorizzati mid-detenturi ta' responsabbiltà tal-ġenituri.

Iċ-ċertifikat ta' kunsens reċiproku taż-żewġ ġenituri biex il-minuri jitlaq mit-territorju nazzjonali jista' jiġi ppreżentat f'għassa tal-gwardja ċivili (Puesto de la Guardia Civil) jew għassa tal-pulizija nazzjonali (Comisaría de Policía Nacional). Għandha tintuża waħda mill-formoli li ġejjin:

(https://www.guardiacivil.es/documentos/pdfs/autorizacion_menor_extranjero/PRC_197953_Formulario_declaraci)

[xn_firmada_permiso_viaje_fuer.pdf](#) or
https://sede.policia.gob.es/portalCiudadano/_es/tramites_ciudadania_documentacionviajar.php).

■ L-aħħar aġġornament: 10/09/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.